# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Rikors Nru: 106/18 RM

## Analise Zerafa

**-vs-**

## Marcel Psaila

**Illum, 11 ta' Jannar 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-attrici Analise Zerafa fir-Registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Mejju, 2018 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut:-

1. ihallasha s-somma ta' disat elef, disa' mija u sitta u disghin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€9,996.89) rapprezentanti spejjez li saru mill-attrici a favur tal-konvenut u li l-istess konvenut obbliga ruhu li jhallasha skont skrittura privata ffirmata bejn il-partijiet fil-21 ta' Marzu, 2011, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata Dok A, oltre l-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali pprezentata fis-6 ta' Lulju, 2016, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata Dok B sad-data tal-pagamenti effettiv;

2. jirritorna lill-attrici dawk l-oggetti kollha mobbli li huma propjeta' taghha u li ghadhom fil-pussess tieghu, bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 1690/16 ipprezentata fis-6 ta' Lulju, 2016 kontra l-konvenut li gie ingunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta[1] tal-konvenut Marcel Psaila ipprezentata fit-30 ta' Mejju, 2018 fejn eccepixxa:-

"*1. Illi fl-ewwel lok, l-allegat kreditu pretiz huwa inezitenti u l-intimat m'ghandu jaghti l-ebda flus lir-rikorrenti u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*

*2. Illi ghar-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti, l-intimat mhux qieghed joggezzjona illi jirritorna l-oggetti kollha mobbli li huima propjeta tar-rikorrenti liema oggetti r-rikorrenti naqset milli tindika liema huma propjeta taghha;*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif premessi mil-ligi;*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-intimat.*'

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O il-Prim'Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat l-Affidavits u d-dokumenti kollha esebiti fl-atti u rat ukoll il-provi kollha;

Semghet ix-xhieda;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet pprezentata mill-attrici fit-13 ta' Novembru 2020 u rat in-nota tal-osservazzjonijiet ipprezentata mill-konvenut fil-15 ta' Dicembru 2020;

---

[1] Fol. 10.

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Bl-azzjoni intentata minnha, l-attrici titlob il-hlas ta' somma li tikkontendi hija dovuta lilha mill-konvenut in bazi ta' obbligu kuntrattwali, kif ukoll ir-ritorn tal-oggett mobbli taghha li jinsabu fil-pussess tal-konvenut.

Il-fatti li jirrizulta mill-provi u l-atti tal-kawza, huma pjuttost semplici. Il-partijiet kienu f'relazzjoni li damet tmintax-il sena, liema relazzjoni intemmet f'Dicembru 2015. Ghall-habta tas-sena 2011, il-partijiet ftiehmu li jmorru jghixu flimkien fil-fond tal-konvenut liema fond kien inghata b'donazzjoni lilu minn missieru. Dan il-fond gie akkwistat mill-konvenut fi stat ta' gebel u saqaf u kien jehtieg li jsiru fih diversi *finishings* internament kif ukoll li jigi arredat. Billi l-partijiet ma kienux mizzewgin u l-fond kien jappartjeni esklussivament lill-konvenut, huma ftiehmu permezz ta' skrittura privata datata 21 Marzu 2011, x'kienu dawk l-ispejjez li kellhom jithallsu mill-attrici in konnessjoni mal-fond u gie wkoll maqbul specifikatament illi f'kaz tat-terminazzjoni tar-relazzjoni bejneithom, il-konvenut ikun obbligat li jirrifondi lill-attrici l-ammont li minn konteggi li jsiru, jirrizulta li huwa dovut lilha.

Fl-iskrittura privata fuq imsemmija, gie miftiehem *inter alia*:-

*"... qabel ma jidhlu jirresjedu f'dan il-post jaghmlu l-konteggi u jikkonfermawhom, fin-nuqqas qieghed illum jigi dikjarat li l-prezenti Analise Zerafa ser tohrog l-ispejjez ghal dak li huwa madum u apertura tal-aluminium sabiex jinghalaq il-post u in segwitu tkompli b'dak li jirrigwardja il-kamra tal-banju u l-kamra tas-sodda filwaqt li l-kcina ghandu jiehu hsieb l-imsemmi Marcel Psaila. Xoghol iehor ghandu jsir bi ftehim bejn il-partijiet.*

*Marcel Psaila jobbliga ruhu li f'kaz ta' dizgwid u ma jkomplux fir-relazzjoni bejniethom huwa jkun dovut jirrifondi fi flus kontanti lill-imsemmija Analise Zerafa dak lilha rizultanti mill-konteggi.*

Ikkunsidrat;

L-attrici xehdet li hija insistiet mal-konvenut li jsir bejniethom ftehim bil-miktub sabiex fl-eventwalita` li r-relazzjoni ta' bejniethom tispicca, ikollha prova li hija kkontribwixxiet ghall-hlas tal-ispejjez ghall-benefikati li saru fil-fond tal-konvenut. Fissret li qabel huma dahlu jghixu fil-fond tal-konvenut, saru xogholijiet ta' kisi, dawl u madum, gew istallati l-kmamar tal-banju, aperturi, bibien u aluminium, u xtraw ukoll l-ghamara.

Mill-konteggi li ghamlet hija stess dwar l-ispejjez li hallset minn butha ghad-diversi xogholijiet u arredamenti li saru gewwa l-fond tal-konvenut, l-attrici ssostni li hija hallset ammont ta' mhux inqas minn €9,996.89. Fl-Affidavit taghha, hija elenkat dawn l-ispejjez kif gej:-

| | |
|---|---|
| Madum | €1,400 (Tatara Bathrooms) (Dok. A) |
| Aluminium | €1,254 (Anthony Marmara) (Dok. B) |
| Kmamar tal-Banju | €2,200 (Tatara Bathrooms) (Dok. C) |
| Dining Table | €258.00 (BDI) (Dok. D) |
| Siggijiet | €180.00 (Art at Home) (Dok. E) |
| Appliances | €2100.00 (ITC) (Dok. F) |
| Kamra tas-sodda | €1880.00 (BDI) (Dok. G) |
| Televisions | €650.00 (Tip-Top) (Dok. H) |
| Heater | €74.89 (Top Choice) (Dok. I) |

Kwantu ghal dan l-ispejjez li gew elenkati fl-Affidavit tal-attrici, il-Qorti tqis li dawn jinsabu lkoll dokumentati u sostanzjati minn ricevuti u dokumenti ohrajn u hija sodisfatta li effettivament, l-attrici hallset ghal dawn l-ispejjez. Din il-

konkluzjoni waslet ghaliha anke ghaliex ma saret l-ebda kontestazzjoni serja da parti tal-konvenut li, ghalkemm sostna li missieru kien hallas huwa stess hafna mill-ispejjez li skont l-iskrittura kellha thallas ghalihom l-attrici, baqa' ma ressaqx provi sodisfacjenti li jissostanzjaw din l-allegazzjoni. Huwa minnu li missier il-konvenut, Salvatore Psaila, xehed huwa stess li kien jghin lill-koppja billi jhallas minn butu, f'kontanti, xi depozitu fuq xi affarijiet ghad-dar, bhal madum jew appliances. Huwa minnu wkoll li l-konvenut sostna fix-xhieda tieghu li huwa "*kemm il-darba* [ghaddielha] *flus cash biex tkun tista' thallas*"[2]. Madanakollu, il-Qorti ma tqisx li ghandha taghti wisq piz lil dawn l-allegazzjonijiet meta hemm nuqqas assolut ta' prova dwar is-somma preciza jew imqar approssimattiva li allegatament hallsu l-konvenut u missieru fir-rigward u lanqas hemm indikazzjoni cara ta' liema madum jew *appliances* ikkontribwixxa ghalihom missier il-konvenut jew, almenu, minn liema stabbiliment dawn kienu nxtraw.

Kemm hu hekk, fix-xhieda tieghu[3], il-konvenut stqarr qal li jaqbel illi l-ftehim bejniethom kien li l-attrici: "*... taghmel il-kamra tal-banju, kamra tas-sodda, madum ta' kullimkien u l-appliances li kien hemm bzonn, bazikament dawk li tnizzlu fl-iskrittura privata li kienu ghamlu ghand il-PL Peter Paul Zammit."* Imbaghad sostna li l-attrici "*qatt ma hallset xejn apparti dawk l-affarijiet li qieghda issemmi f'din il-kawza*". Imbaghad, meta xehed in kontro-ezami[4], l-istess konvenut rega' afferma illi kienet l-attrici li hallset specifikatament ghall-madum, kamra tal-banju, aperturi tal-aluminium, mejda tal-kamra tal-pranzu u siggijiet, television u heater. Qal ukoll illi dawn il-mobbli u xogholijiet ohrajn ghadhom kollha sal-lum istallati jew sitwati fil-fond tieghu.

Din il-pozizzjoni tal-konvent tikkunstrasta mhux ftit mal-linja difensjonali originali tieghu kif jirrizulta mir-Risposta tieghu ghar-Rikors promotur, fejn

---

[2] Fol. 42.
[3] Affidavit tal-konvenut, fol. 42.
[4] 7 ta' Ottubru 2020, fol. 105.

kien eccepixxa li huwa ma ghandu jaghti xejn lill-attrici u l-kreditu minnha vantata fil-konfront tieghu huwa inezistenti.

Ghall-Qorti dan kollu jfisser illi l-konvenut fl-ahhar mill-ahhar, m'huwiex qed jikkontesta l-verzjoni tal-attrici illi l-ispejjez mitlubin espressament minnha fir-Rikors promotur u elenkati fl-Affidavit taghha, hallsithom hija stess, u konsegwentement, tqis illi din il-verzjoni tal-attrici li dawk l-ispejjez hallsithom hija stess, ghandha mis-sewwa u dan minkejja kull dokument li ressaq il-konvenut dwar l-introjtu tal-attrici ghas-snin relattivi, liema provi l-Qorti tqis li ma jaghmlu xejn biex jikkuntrastaw l-affermazzjonijiet espressi tal-konvenut dwar il-hlas tal-mobbli in kwistjoni.

Ikkunsidrat;

Imbaghad, l-attrici xehdet ulterjorment illi oltre ghall-ispejjez minnha elenkati, hija hallset ukoll spejjez ohrajn li madanakollu, ma ghandhiex ricevuti taghhom ghaliex ix-xoghol inhadem minn hbieb tal-familja tal-konvenut. Hija qalet li kienet tghaddi l-flus lil missier il-konvenut li wkoll kien johrog xi flus huwa stess ghall-hlas ta' dawn ix-xogholijiet. Fir-rigward, l-attrici sostniet li hallset nofs l-ispejjez ghall-kcina, il-wicc tal-quartz tal-kcina, il-bieb ta' barra, kif ukoll *units* fil-*living room* u fil-kamra tal-banju.

Madanakollu, diversament mill-ispejjez li elenkati fl-Affidavit taghha debitament sopportati minn ricevuti, l-attrici naqset milli tressaq provi sufficjenti biex tikkonvinci lill-Qorti illi b'zieda mas-somma ta' €9,996.89, hija hallset spejjez ulterjuri in konnessjoni ma' xogholijiet li saru fil-fond tal-konvenut u mobbli ohrajn li nxtraw ghall-arredament tal-istess fond.

Il-Qorti tibad biex tosserva illi effettivament, fir-Rikors promotur, l-attrici ma talbitx il-likwidazzjoni u hlas ta' somma ulterjuri oltre dak mitlub u kwantifikat espressament fir-Rikors promotur u fin-nuqqas ta' talba specfika fir-rigward u

billi wkoll it-talba ghar-ritorn tal-oggetti mobbli ma tistax titqies bhala talba ghal likwidazzjoni u hlas, hija l-fehma taghha li ma tistax tillikwida ammont ulterjuri favur l-attrici galardarba din il-pretensjoni ma tezawtora mill-parametri tat-talba li tifforma l-mertu tal-kawza odjerna, liema talba hija specifikatament ghall-hlas ta' somma determinata. F'kull kaz, kif diga` nghad, din l-allegazzjoni ma gietx sostanzjata u relevant wkoll fir-rigward huwa dak li xehed missier il-konvenut, meta qal:- "*Annalise, kienet tnizzel sa l-inqas centezmu x'kienet tonfoq u ghalhekk mhu minnu xejn li harget xi flus u ma nizlithomx*."[5]

Ikkunsidrat;

Illi rigward l-ewwel talba tal-attrici fir-Rikors promotur, il-konvenut jikkonferma li huwa lest illi jhallas lill-attrici l-valur tal-mobbli kemm jiswew illum il-gurnata u mhux kemm xtrathom l-attrici u dan ghaliex dawn l-affarijiet intuzaw minnha ukoll matul iz-zmien li l-partijiet damu jghixu flimkien.

Ghalkemm ma gietx redatta bl-iktar mod felici, huwa evidenti minn ezami tal-iskrittura privata datata 21 ta' Marzu 2011, illi l-ftehim milhuq bejn il-partijiet ma kienx specifikatament ghar-rifuzjoni lill-attrici tal-prezz li hija tkun hallset ghax-xogholijiet jew ghall-akkwist tal-mobbli, izda li l-konvenut ihallas lill-attrici "*dak lilha rizultanti mill-konteggi*". Il-ftehim ma jispecifikax li dawn il-konteggi kellhom isiru unikament u unilateralment mill-attrici. Kemm hu hekk, fl-istess skrittura l-partijiet kienu ftiehmu li **qabel** ma jidhlu jirrisjedu fil-fond, huma kellhom "*jaghmlu l-konteggi*". Il-Qorti ghalhekk fehmet li l-ftehim milhuq bejn il-partijiet dwar ir-rifuzjoni dovuta lill-attrici, huwa fis-sens li l-attrici tithallas dak li jirrizulta li huwa dovut lilha mill-konteggi li jsiru mill-partijiet. Hu ovvju izda, li dawn l-konteggi baqghu qatt ma saru b'mod formali u bi qbil, la qabel il-partjiet dahlu jghixu fil-fond tal-konvenut u lanqas meta r-relazzjoni bejniethom intemmet.

---

[5] Ara Affidavit ta' Salvu Psaila, fol. 90.

Ikkunsidrat;

**Kwantu specifikatament ghall-ghamara u l-mobbli li jistghu jigu facilment rimossi**, galadarba dawn inxtraw mill-attrici bi flusha u ma jirrizultax mill-iskrittura privata in kwistjoni li sar xi ftehim espress mod iehor, il-Qorti tqis illi dawn il-mobbli jappartjenu lilha biss. Huwa manifest li l-attrici la xtrat l-ghamara biex tislifha lill-konvenut u lanqas biex tiddonaha lilu. Huwa minnu li din l-ghamara giet istallata fil-fond tal-konvenut ghall-uzu u beneficcju taz-zewg partijiet matul ir-relazzjoni taghhom, u huwa minnu wkoll illi dawn il-mobbli kellhom jithallew, u effettivament ghadhom, fil-pussess tal-konvenut. Izda dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi dawn il-mobbli jappartjenu lill-attrici ghaliex inxtraw bi flusha.

Madanakollu, fl-istess waqt, huwa evidenti li l-ftehim bejn il-partijiet kien illi dak kollu li jsir a spejjez tal-attrici kellu jibqa' fil-fond tal-konvenut. Din il-konkluzjoni tinsilet mill-fatt illi fl-iskrittura privata konkluza bejniethom, **il-partijiet ftiehmu li l-attrici tigi kompensata f'kaz tat-terminazzjoni tar-relazzjoni, b'rifuzjoni fi flus kontanti u mhux bir-ritorn tal-oggetti mobbli**.

Wara li rat ix-xhieda, il-Qorti fehmet illi dawn l-oggetti akkwistati bil-flus li harget l-attrici, ghad li gew istallati fil-fond di proprjeta` tal-konvenut, kellhom iservu u effettivament servew, ghall-uzu u beneficcju ta' entrambi l-partijiet sakemm huma damu jghixu flimkien fl-istess residenza. Dawn intuzaw miz-zewg partijiet matul perijodu ta' bejn tlieta u erba' snin li damu jghixu flimkien fil-fond qabel ir-relazzjoni ntemmet. Fl-iskrittura privata tal-21 ta' Marzu 2011 il-partijiet ftiehmu li l-attrici jkollha dritt ghal kumpens galadarba r-relazzjoni tintemm u ghalhekk, il-Qorti tqis illi l-jedd tal-attrici ghall-hlas tal-kumpens lilha dovut, skatta mat-terminazzjoni tar-relazzjoni li, mill-provi jirrizulta li sehhet f'Dicembru 2015[6].

[6] Ara Affidavit tal-attrici.

Hu evidenti li l-uzu ta' kuljum igib mieghu deprezzament fil-valur ta' dawk il-mobbli li jistghu jigu rimossi facilment, bhal ghamara u *appliances* u konsegwentement, dawn ma setax kellhom, f'Dicembru 2015, l-istess valur li kellhom meta effettivament inxtraw snin qabel. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li ma jkunx ekwu li l-attrici tigi rifuza l-prezz shih ta' dawn il-mobbli minghajr ma ttiehed in konsiderazzjoni l-fatt mhux kontestat li dawn il-mobbli l-attrici gawdiethom, ghamlet uzu minnhom u konsegwentement ikkontribwiet ghad-deprezzament fil-valur taghhom fuq medda ta' bejn tlieta u erba' snin.

Konsegwentement, ir-rifuzjoni li hija dovuta lill-attrici hija dik li tirrapprezenta l-valur tal-mobbli f'dak iz-zmien meta ntemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet u konformement mal-premess, il-Qorti ma hijiex sejra tordna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici din l-ghamara di proprjeta` taghha, izda sejra tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici ammont li jirrapprezenta l-valur tal-istess mobbli fiz-zmien meta ntemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet, skont kif del resto ftiehmu l-partijiet fl-iskrittura privata konkluza bejniehom fir-rigward.

Biex tasal ghall-valur tal-mobbli fiz-zmien meta skatta l-jedd tal-attrici ghall-hlas tal-valur tal-istess mobbli, il-Qorti trid necessarjament tuza s-setgha diskrezzjonali taghha biex tillikwida *arbitrio boni viri* is-somma li ghandha tigi rifuza lill-attrici galadarba ma jirrizultax mill-provi l-valur preciz ta' dawn il-mobbli f'Dicembru 2015. Izda, f'kull kaz, il-Qorti tqis li b'applikazzjoni tal-kriterju tal-prezz imhallas ghall-akkwist, u l-kriterju taz-zmien li ghalih intuzaw il-mobbli in kwistjoni, l-ammont li ghandu jigi rifuz lill-attrici rapprezentanti l-valur tal-istess mobbli, cioe` *television, dining room table* u siggijiet u *heater* li originarjament, fis-sena 2011, inxtraw bil-prezz komplessiv ta' €5,142.89, ghandu jigi likwidat fis-somma totali ta' **€3,500**.

Ikkunsidrat;

**Kwantu mbaghad, ghall-benefikati li saru fil-fond tal-konvenut** u li l-attrici hallset ghalihom, fosthom ghalhekk il-madum, aperturi tal-aluminium u kamra tal-banju, il-Qorti hi tal-fehma li hawnhekk, diversament mill-hsieb applikabbli ghall-mobbli bhal ghamara u *appliances*, isib riskontru l-principju tal-accessjoni ta' hwejjeg mobbli, kontemplat fl-Artikoli 573 *et seq*. tal-Kodici Civili:-

***572.*** *(1) Il-jedd ta' aċċessjoni dwar ħwejjeġ mobbli ta' proprjetà ta' diversi sidien, għandu jkun regolat mill-prinċipji tal-ekwità naturali.*
*(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli li ġejjin jiswew biex fuqhom il-qorti tiddeċiedi, fil-każijiet mhux ikkontemplati mil-liġi, skont ma jkunu ċ-ċirkostanzi ta' kull każ.*

***573.*** *(1) Meta żewġ ħwejjeġ ta' diversi sidien jiġu mgħaqqdin ma' xulxin b'mod li jagħmlu ħaġa waħda, iżda b'dan kollu jistgħu jiġu mifruda mingħajr ħsara kbira ta' ebda waħda minnhom, kull wieħed mis-sidien jibqa' jżomm il-proprjetà tal-ħaġa tiegħu, u għandu jedd jitlob il-firda.*
*(2) Iżda, jekk iż-żewġ ħwejjeġ ma jistgħux jiġu mifruda mingħajr ħsara kbira ta' waħda minnhom, iż-żewġ ħwejjeġ hekk imgħaqqdin flimkien imissu lis-sid tal-ħaġa li hija l-parti prinċipali fosthom, **bl-obbligu li jħallas lis-sid l-ieħor il-valur tal-ħaġa mgħaqqda magħha**.*

*574. Titqies parti prinċipali dik li magħha l-oħra tkun ġiet imgħaqqda biss għall-użu, għat-tiżjin, jew sabiex tagħmilha kompluta.*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti hija tal-fehma illi kwantu ghall-**aperturi tal-aluminium, il-kamra tal-banju u madum**, li hallset ghalihom l-attrici, dawn ghandhom jitqiesu bhala *fixtures* ghaliex huma oggetti li jkunu mahduma b'qisien specifici u dizinnjati sabiex jitqieghdu fil-fond partikolari, u ma jistghux jigu rimossi hlief bi hsara u/jew b'telf konsiderevoli tal-valur taghhom. Ghaldaqstant, applikat il-principju appena citat, il-Qorti taqbel li l-attrici ghandha l-jedd li titlob il-hlas tal-valur tal-benefikati li ghamlet u li accedew mal-fond tal-konvenut skont il-prezz imhallas minnha. Mid-dokumenti minnha esebiti, u mhux kontrastati mill-konvenut, il-valur dovut huwa fis-somma totali ta' **€4,854**.

Il-Qorti, tenut kont il-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, tqis li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-**somma totali ta' tmint elef tliet mija u erbgha u hamsin Euro (€8,354)** rapprezentanti l-valur tal-mobbli appartenenti lill-attrici li thallew ghall-uzu u godiment tal-konvenut, u l-benefikati li saru fil-fond tal-istess konvenut, u tqis li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici dan l-istess ammont.

Peress li jirrizulta wkoll illi l-attrici fir-Rikors promotur, talbet il-hlas ta' ammont determinat, il-Qorti hija tal-fehma li l-imghaxijiet fuq din is-somma ghandhom jiddekorru mid-data tal-ewwel sejha ghall-hlas ta' somma determinata li, f'dan il-kaz, kien permezz tal-interpellazzjoni gudizzjarja pprezentata fis-6 ta' Lulju 2016 (Ittra Numru 1690/16[7]). Dan jghodd nonostante l-fatt li s-somma likwidata li l-konvneut qed jigi effettivament ordnat li jhallas, huwa inqas mis-somma li gie interpellat li jhallas u dan in konformita` mal-insenjament assodat in materja[8].

Ikkunsidrat;

Illi permezz tat-tieni talba taghha fir-Rikors promotur, l-attrici talbet ir-ritorn ta' dawk l-oggetti mobbli kollha li huma proprjeta` taghha u li ghadhom fil-pussess tal-konvenut. Il-konvenut wiegeb li ma ghandux oggezzjoni li jirritorna dawk l-oggetti mobbli purche` l-attrici tindika liem'huma dawn l-oggetti.

**Mix-xhieda jirrizulta li hemm qbil li l-konvenut diga` kkonsenja lill-attrici l-oggetti mobbli kollha li kienet qed taghmel referenza ghalihom fit-talba taghha, ghajr ghal erba' vazuni tal-Imdina Glass li skont l-attrici ghadhom ghand il-konvenut.**

---

[7] Kopja legali tal-ittra gudizzjarja esebita bhala Dok. B a fol. 4 tal-atti.

[8] Ara **Fogg Insurance Agencies Limited vs Paul Tabone**, deciza mill-Qorti tal-Appell 17.2.2003.

Il-konvenut in kontro-ezami xehed illi l-vazuni li ghamlet referenza ghalihom l-attrici, huwa ma jiftakarhomx u jinsisti li ma ghadhomx fil-fond tieghu. Qal ukoll li ma jafx x'sar minnhom u li probabbilment l-attrici kienet hadithom meta qabdet u telqet mid-dar jew meta giet ohtha biex tigbor il-mobbli l-ohra li kien fadal. Ghalkemm il-Qorti ma hijiex kompletament konvinta mill-attendibbilita` tax-xhieda tal-konvenut fir-rigward, f'kull kaz ma tqisx illi hemm bizzejjed provi fl-atti biex tista' tilqa' serenement it-talba tal-attrici.

Jigi osservat li filwaqt li ma ngiebet l-ebda prova dwar id-dehra jew l-akkwist ta' dawn il-vazuni, l-attrici ma kienetx konsistenti dwar il-kwantita` tal-vazuni li qed tippretendi r-ritorn taghhom. Maghdud dan, fl-assenza wkoll ta' xi prova dwar il-valur taghhom, il-Qorti, anke jekk tista' tkun sodisfatta li dawn il-vazuni ma gewx ritornati lill-attrici, hija prekluza milli tordna minflok, bl-uzu tas-setghat moghtija lilha mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 213 tal-Kap. 12, il-hlas tas-somma li tista' tillikwida fid-diskrezzjoni taghha, rapprezentanti l-valur tal-vazuni skont il-principji applikabbli in materja, kif diga` stabbilit. Dan fuq l-iskorta tal-guriprudenza in materja li tirritjeni li l-Qorti ghandha tuza s-setgha diskrezzjonali taghha u tillikwida somma abbazi ta' ezercizzju ekwitattiv biex taghmel gustizzja mal-attur, meta jkun difficcli li jitressqu provi konkreti[9] jew li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u mhux meta, minghajr ebda gustifikazzjoni, ma jkunu tressqu ebda provi.

Ghaldaqstant, qieghda tichad it-tieni talba tal-attrici ghar-ritorn tal-vazuni u tqis li ghall-bqija, il-mertu ta' din it-talba giet ezawrita fil-mori tal-kawza.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tieghu biss safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, qieghda:-**

---

[9] Ara **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia** – deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Lulju 2014.

1. **tilqa' parzjalment l-ewwel talba tal-attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tmint elef tliet mija u erbgha u hamsin Euro (€8,354) ghar-ragunjiet imsemmija fir-Rikors promotur, bl-imghax mis-6 ta' Lulju 2016; u**

2. **kwantu ghat-tieni talba tal-attrici, tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante li jirrizulta li l-mertu taghha gie ezawrit fil-mori tal-kawza, u f'kull kaz tichadha.**

**L-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja tas-6 ta' Lulju 2016 (Numru 1690/16), jithallsu mill-konvenut bhala l-parti sokkombenti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**